MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Avviz Numru. 244/2014

**Johann Gaffarena**

**vs**

**Patrick Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur li gie pprezentat nhar it-23 ta’ Lulju 2014 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta’ erbat elef u seba’ mitt ewro

(€4,700) liema somma hija dovuta bhala import ta’ kambjala accettata u ffirmata minnu fl-14 ta’ Frar 2014 liema kambjala gja skadiet u li kopja taghha hija hawn annessa bhala Dokument A.

Illi wkoll ghandu jghid ghaliex baqa’ inadempjenti ghalkemm gie nterpellat sabiex ihallas l-ammont dovut kemm permezz ta’ ittra bonarja datata 29 ta’ Mejju 2014 u permezz ta’ ittra ufficjali datata 12 ta’ Gunju 2014 taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Bl-ispejjez kontra tieghu u huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Patrick Camilleri li giet ipprezentata fir-Registru tal-Qorti nhar is-17 ta’ Settembru 2014 fejn eccepixxa:

1. *“Illi l-azzjoni odjerna hija irritwali u nulla stante illi l-kambjali, bhala element essenzjali tal-azzjoni kambjarja, ma gewx annessi mac-citazzjoni attrici;*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kambjala hija nulla u bla effett stante li din ma gietx iffirmata mill-mara tal-esponent;*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-imsemmija kambjala ma gietx ipprotestata mill-pussessur taghha u ghalhekk l-azzjoni hija insostenibbli;*
4. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-valur mitlub fl-azzjoni odjerna ma huwiex dovut stante ftehim li kien sar bejn l-esponenti u l-attur li l-valur ta’ erbat elef u seba’ mitt ewro (€4,700) kien jigi dovut biss kieku l-esponenti rnexxielu jbiegh il-vettura tal-ghamla Mercedes E Class u bin-numru tar-registrazzjoni FBV-764 ghall-valur ta’ tnax-il elf u hames mitt ewro (€12,500) meta fil-fatt hu biegh l-imsemmija vettura ghall-valur ta’*

*tmint elf u hames mitt ewro (€8,500) u cioe' s-somma li primarjament l-esponenti kien ghad fadallu jithallas mill-attur tax-xoghlijiet li kien ghamillu;*

5. *Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli skond il-ligi."*

Rat illi l-eccezzjonijiet tal-konvenut Patrick Camilleri kienu kollha ta' natura legali u li ghalhekk l-avukati difensuri trattaw dawn l-istess eccezzjonijiet minghajr ma ressqu xhieda u dan fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2014 u in segwitu wkoll fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2014.

Rat illi ukoll nhar it-12 ta' Dicembru 2014 il-konvenutipprezenta eccezzjoni ulterjuri fis-sens segwenti:

1. *"Li l-azzjoni odjerna hija nulla stante l-frivolita' u l-malizzjozita tat-talba hekk kif dedotta mill-attur, liema talba jekk tigi milqugha certament ser jirrizulta arrikament indebitu favur l-istess attur;*
2. *Salv ecezzjonijiet ohra permissibbli skond il-ligi."*

Illi fis-sentenza ta' llum din il-Qorti ser tindirizza biss dak li gie trattat quddiemha u cioe' l-ewwel tlett eccezzjonijiet kif sollevati mill-konvenut fir-risposta li giet prezentata fl-atti nhar is-17 ta' Settembru 2014.

**Kunsiderazzjonijiet legali.**

lli fis-sentenza **<u>Mario Agius et vs Doris Pulo</u>** (2846/97/RCP – 24 ta' April 2001) dik il-Qorti trattat in-natura ta' din l-azzjoni. Infatti ntqal:-

*" Illi l-**Artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13)** jghid illi:-*

*1) L-eccezzjonijiet li huma personali ghall-pussessur tal-kambjala ma jistghux idewmu l-hlas taghha, jekk ma jkunux likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja.*

2) *Jekk dawn l-eccezzjonijiet ikunu jinhtiegu ezami fit-tul, is-smiegh taghhom isir f'kawza ghaliha, u sadanittant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha, skond ma jidhrilha l-Qorti, m'ghandhiex tkun imdewma".*

Illi dan l-artikolu hawn fuq imsemmi gie kemm-il darba mfisser minn dawn il-Qrati.

Illi din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet '**Guillaumier Industries Ltd. vs Victor Vella et'** deciza fl-4 ta' Dicembru, 1998 dwar l-*actio cambiaria* kienet qalet:-

*"Illi a bazi ta' dan l-Artikolu gie deciz li "l-iskop tal-ligi huwa carissimu. Il-kawza proposta a bazi ta' kambjala ghandha tigi mill-Qorti trattata bl-akbar celerita' possibbli … … …".*

*"Il-kambjala hija proprju l-istrument kummercjali nventat biex appuntu jassigura din il-heffa u l-ghaggla fic-cirkontrazzjoni tal-krediti u d-dejn u sabiex tirrispetta u kemm jista' jkun tiggarantixxi li l-processi kummercjali jkunu animati mill-istess esigenzi".*

*"Biex tassigura din ic-celerita', l-ligi tiffrena l-eccezzjonijiet li jistghu jinghataw kontra l-possessur tal-kambjala biex dawn ma jittardjawx il-kanonizzazzjoni ta' mport ta' kambjala. Tammetti eccezzjonijiet biex meta dawn ikun ta' facli soluzzjoni*" (K.G.M.B 17.10.1987) '**John Portelli noe vs Joseph Sullivan'**.

Dan isir peress li skond kif gie affermat fis-sentenza '**Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe'** (K. (J.D.C) 15 ta' Novembru 1993):

*"appena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obligazzjoni 'ad hoc', ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni li setghet ipprecedietha. Ghalhekk f'kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m'ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obligazzjonijiet precedenti."*

Illi l-istess arrangament gie segwit f'diversi sentenzi fosthom **John Mary Sammut vs Michael Cassar** (App K. 14 ta' Ottubru 1991) u **George Zahra vs Alfred Borg** (K. (JSP) 28 ta' April 1995) fejn il-Qrati rriferew ghall-gurisprudenza konstanti li fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita' formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha *inoltre* f'xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi (Vide Vol XXIX P1 1528 – Vol XXIX. 1. 1136) u l-istess '**John Portelli noe vs Charles Vella'** (K.C.D. 30

ta’ Awissu 1989); dawn il-principji gew ilkoll elenkati fis-sentenza |Qorti Civili Prim’Awla tal-5 ta’ Ottubru 2000 fl-ismijiet ‘**Ronald Micallef *et* vs Subway (Malta) Limited’** (Cit. Nru. 273/2000/RCP).

Illi dwar dan kien hemm temperament fis-sentenza **Joseph Lia vs Alfred Dalli** (K. JDC 26 ta’ Jannar 1989), li ghalkemm sostniet li l-**Artikolu 198** japplika kemm meta tali kambjali jkunu girati w anke meta le, irrilevat li hemm eccezzjonijiet permessibbli meta din tolqot l-ezistenza tal-kambjala stess bhal meta l-kunsens tal-accettant tal-kambjala jkun vizzjat minhabba vjolenza jew dolo (Vol XXXIX. III, 845) u ghalhekk irriteniet li tali eccezzjoni ghandha tingieb permezz ta’ azzjoni ohra u permezz ta’ azzjoni *ad hoc*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet ‘**Salamone vs Rao’** tad-9 ta' Frar 1906, moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc intqal illi:-

"*Attesocche' le eccezioni date dal convenuto, quantunque personali all'attore, sono di lunga indagine e quindi, secondo il disposto nell'articolo 181 dell'Ordinanza XIII del 1857, la loro cognizione dev'essere rimandata a separato giudizio;*"

Illi wkoll fl-4 ta' Frar 1907, l-istess Qorti tal-Kummerc, fil-kawza fl-ismijiet **Zammit vs Scicluna** qalet illi:- *"Attesocche' secondo la pratica costante di questo tribunale il pagamento di una cambiale accettata e scaduta viene sempre ordinato quando le eccezioni sono tali da richiedere lunga indagine, sotto quelle cautele che il prudente arbitrio della Corte credesse opportuno;"*

Illi fl-ahharnett fl-10 ta' Mejju 1913, fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Sultana vs Pecorella'</u>** gie riaffermat li:-

*"Atteso che per legge espressa, eccezioni di lunga indagine, come quelle apposte dal convenuto non possono ritardare il pagamento di cambiali scadute. La Corte deve ordinare il pagamento con o senza cauzione e rimettere la cognizione delle eccezioni a separato giudizio";*

Illi konferma ta' dan hija s-sentenza '**<u>Tabone vs Camilleri'</u>** tas-27 ta' Frar 1939 li qalet li:

*"Illi huwa veru illi skond dana l-artikolu tal-ligi, meta l-eccezzjoni ma tistghax tigi definita malajr ma hijiex ammissibbli meta biha jkun ritardat il-pagament. Pero' hemm eccezzjonijiet tant assoluti kemm relattivi, li jistghu jigu moghtija u ghandhom ikunu ammessi. Dawna l-eccezzjonijiet ghandhom il-bazi taghhom fid-dritt komuni u fid-dritt kambjarju. Per ezempju, l-inkapacita' li hija regolata mid-dritt komuni tifforma wahda mill-eccezzjonijiet assoluti, u l-pagament huwa wiehed mill-eccezzjonijiet relattivi jew personali li huma regolati mid-dritt kambjarju. Hemm ukoll eccezzjonijiet li gejjin minn fatti posterjuri ghad-data ta' l-emissjoni tal-kambjali".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet '**<u>Eminyan vs Mackay'</u>** tad-9 ta' April 1940 tant li nghad li:-

*“Illi skond l-**art. 181 ta' l-Ord. XIII ta' l-1857**, l-eccezzjonijiet personali ghall-possessur tal-kambjali ma jistghux jirritardaw il-hlas tal-kambjali jekk ma jkunux likwidi u ta' soluzzjoni pronta. Ghalhekk l-eccezzjoni li ta’ l-konvenut ma tistghax tiddilazzjona l-pagament tal-kambjali;”*

Illi tant huwa minnu dan fil-21 ta' Novembru 1940, bid-decizjoni fl-ismijiet **Staines vs Trapani** kkonfermat li:-

*"Illi jekk dina l-pretensjoni ma kenitx likwida qabel il-kawza, issa li l-Qorti semghet il-provi tista' tillikwidaha, peress illi tirrizulta b'mod konvincenti bhala fondata. U skond **l-art. 181 ta' l-Ord. XII ta' l-1857**, "exceptions affecting the holder of a bill personally, cannot delay the payment thereof, unless the exceptions be such as admit of being clearly and speedily determined". U fil-kaz prezenti l-eccezzjoni tal-konvenut setghet tigi likwidata, kif giet fil-fatt, peress illi setghet tigi definita malajr”.*

Illi dawn il-principji gew ukoll ikkonfermati mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet ‘**Prof. Carlo Mallia noe vs Mariano Accarino noe’** deciza fit-22 ta' Novembru 1937, li ikkonkludiet:

*“Infatti l-artikolu 181 tal-Kodici Kummercjali jistabbilixxi illi l-eccezzjonijiet personali ghal possessuri tal-kambjali ma jistghux idewmu l-pagament tas-somma jekk mhumiex likwidi u “di pronta soluzione”. Jekk imbaghad huma ta' ndagini twila, dawk l-eccezzjonijiet ghandhom ikunu riservati ghal kawza separata, u l-kundanna tal-kambjali ma tistghax tkun differita, b'garanzija jew minghajr garanzija skond il-prudenzjali arbitriju tal-Qorti”.*

Illi dan kollu gie kkonfermat recentement fis-sentenzi ta' '**Francis Portanier vs Abdel Moez Mohammed Aly et'** (Cit. Nru 2291/97/RCP – 12/12/01); kif ukoll fis-sentenza recenti fl-ismijiet '**John Giordimaina et vs Joseph Pace et'** (Cit. Nru: 3391/1996/TM – 16 ta' Jannar 2003).

Illi fl-ewwel lok jinghad li l-konvenut bla ebda mod ma kkontesta li l-kambjala mertu tal-kawza odjerna giet debitament mahruga u ffirmata minnu kif jidher mill-istess kambjala ezebita (Dok. a fol. 10 tal-process). Illi lanqas ma tqajmet xi eccezzjoni dwar il-*validita' o meno* taghha. Ir-raguni ghalfejn din effettivament giet mahruga hija kompletament irrelevanti ghall-mertu tal-azzjoni odjerna.

Infatti kif diga' gie kkwotat li qal il-***Profs. Rene' Cremona*** fin-noti tieghu:-

*"the moment a person signs the bill of exchange… …the obligation arising from that signature is considered to be complete in itself; it acquires a juridical existence which is considered separate, distinct and independent from the original and fundamental contract entered into between the parties concerned. The law identifies the obligation created or evinced by its bill with the signatures places thereon. Accordingly, a party to a bill would be liable thereon, not because of any pre-existing obligations, but merely because he did actually sign the bill." (sottolinear ta' din il-Qorti).*

Illi fl-ewwel lok il-konvenut eccepixxa li l-azzjoni odjerna hija irritwali u nulla stante illi l-kambjala bhala element essenzjali tal-azzjoni kambjarja ma gewx annessi mac-citazzjoni attrici.

Illi cio' nonostante nhar id-19 ta' Novembru 2014 dehru l-partijiet debitament assistiti u l-attur ipprezenta l-kambjala liema kambjala tinsab esebita a fol. 10 tal-process.

Illi huwa naturali illi f'azzjoni kambjarja, kull m'għandu jagħmel l-attur huwa li jipprezenta l-kambjala in kwistjoni. L-attur f'din il-kawza dan ghamlu fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2014, u ghalhekk tali eccezzjoni, jekk kemm-il darba kienet tezisti, llum giet sorvolata u ghalhekk din il-Qorti ser tieqaf hawn f'dan ir-rigward.

Fit-tieni lok il-konvenut eccepixxa li l-kambjala hija nulla ghaliex ma gietx iffirmata minn mart l-esponent. Jinghad li din it-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija wkoll insostenibbli, peress li, skond il-ligi, l-firma tal-konjugi hi mehtiega biss fuq att ta' amministrazzjoni straordinarja. Dawn l-atti huma elenkati fl-artikolu 1322(3) tal-Kodici Civili, u l-firma ta' kambjala ma tissemmiex bhala att ta' ammistrazzjoni straordinarja. Il-lista tal-atti straordinarja hija wahda kompluta, u ma tistax tigi estiza biex tkopri attijiet mhux hemm imfissra. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "**Elmo Insurance Ltd vs Pace**", deciza fit-3 ta' Ottubru, 2003, huma biss dawk l-atti elenkati fl-Artikolu 1322(3)(a) sa (m) li ghandhom jitqiesu ta' natura straordinarja u, ghalhekk, ghandhom ukoll jinghataw interpretazzjoni restrittiva. Minn imkien mis-subinciz (3) tal-Artikolu 1322 l-att li ta' lok ghal din il-kawza ma jista' jikkwalifika bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja, u, kwindi, ma kienx mehtieg il-firma ukoll ta' mart il-konvenut fuq il-kambjali.

Madankollu, il-fatt illi mart il-konvenut ma kinitx parti fix-xiri tal-vettura u ma ffirmatx il-kambjala ma jfissirx illi dawk l-atti ma jiswewx; ifisser biss illi mart il-konvenut tista', skond l-art. 1326(5) tal-Kodici Civili, titlob illi zewgha jirreintegra l-komunjoni ta' l-akkwisti jew, jekk dan ma jistax isir, jaghmel tajjeb ghad-danni.

Fit-tielet lok, il-konvenut eccepixxa li l-imsemmija kambjala ma gietx ipprotestata mill-pussessur taghha u ghalhekk l-azzjoni hija insostenibbli. Illi mill-atti jirrizulta u appuntu minn ezami ta' l-istess kambjala esebita fl-atti mahruga nhar l-14 ta' Frar 2014, li l-konvenut Patrick Camilleri hareg kambjala a favur ta' l-attur Johann Gaffarena fl-ammont indikat fir-rikors promotur u cioe' fl-ammont ta' erbat elef u seba' mitt ewro (€4,700) u llum il-gurnata l-istess konvenut ma jridx jonora din l-istess kambjala. Illi l-konvenut qed isostni li la ma sar l-ebda protest kambjarju qabel ma giet intavolata l-kawza, allura l-azzjoni ma tistax tirnexxi.

Illi kif tajjeb gie mfisser fis-sentenza citata mill-avukat difensur u cioe' dik moghtija nhar it-30 ta' Novembru 2004 fl-ismijiet '**<u>Antoine Vassallo li jiggestixxi d-ditta 'Antoine Auto Dealer' vs Carmel Azzopardi et</u>**':

*"Il-kwistjoni dwar jekk azzjoni kambjarja tistax tinbeda sewwa qabel ma jkun sar il-protest kambjajru dwar in-nuqqas ta' accettazzjoni jew dwar in-nuqqas ta' hlas bhal ma huwa l-kaz prezenti ta' kambjala mhix wahda ta' dawn l-ahhar zminijiet. Ghad ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna jfissru li l-protest gudizjajru m'huwiex mehtieg bhala process sine qua non meta l-kambjala tibqa' fl-ambitu tal-partijiet li originawha."*

Fil-kaz prezenti, l-attur ma ggirax il-kambjala, tant hu hekk huwa l-istess attur li qed ifittex lill-konvenut taghha u ghalhekk il-kambjala kienet minn dejjem fil-pussess tal-attur u ghalhekk 'ir-rabta' bejn l-attur u l-konvenut hija wahda diretta.

Illi dan qieghed jinghad ghaliex gie stabbilit li d-disposizzjonijiet tal-ligi li jitolbu li jsir il-protest kambjarju meta skadenza ma tithallasx ma tghoddx ghat-traenti, u n-nuqqas ta' protest ma jxejjinx id-dritt tal-istess traent kontra l-accettant attur tal-kambjala. Din il-fehma tidher li ghada ssib appogg mill-Qrati sa' llum il-gurnata f'decizjonijiet li nghataw fl-ahhar zminijiet (Vide wkoll **Ocean Way Company Limited vs l-Onda Limited et** deciza mill-Qorti tal-Appelli Civili fil-5 ta' Dicembru 2001).

Illi ghalhekk din it-tielet eccezzjoni qed tigi wkoll respinta.

**Ghaldaqstant stante li l-ewwel tlett eccezzjonijiet qed jigu michuda, il-Qorti tordna l-prosegwiment bil-provi ai fini tar-raba' eccezzjoni u tal-eccezzjoni ulterjuri prezentata fl-atti wara l-ahhar seduta u cioe' nhar it-12 ta' Dicembru 2014.**

**L-ispejjez ta' din is-sentenza qed jigu riservati ghall-gudizzju finali.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------